

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1002**tal-14 ta' Ġunju 2019****li tistabilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttehdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Ġunju 2017 u f'Ġunju 2018 il-Kunsill sab f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat li fl-2016 u l-2017, rispettivament, li kienet teżisti devjazzjoni sinifikanti osservata mill-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tar-Rumanija jew mill-perkors ta' aġġustament lejha. Fid-dawl ta' dawk id-devjazzjonijiet sinifikanti stabbiliti, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjonijiet fis-16 ta' Ġunju 2017 ⁽²⁾ u t-22 ta' Ġunju 2018 ⁽³⁾, biex jirrakkomanda li r-Rumanija tieħu l-miżuri ta' politika meħtieġa biex tindirizza dawk id-devjazzjonijiet.
- (2) Fl-4 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2018/2020 ⁽⁴⁾, ikkonkluda li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2018. Abbażi ta' dan, fl-4 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta ⁽⁵⁾ biex ir-Rumanija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx l-4,5 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Huwa rakkomanda wkoll li r-Rumanija tuża kwalunkwe qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit, u ddikjara li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jenħtieġ li jiżguraw titjib dejjemi fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa skadenza tal-15 ta' April 2019 biex ir-Rumanija tirrapporta dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2018.
- (3) Fl-14 u l-15 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta' monitoraġġ fuq il-post skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Wara li baġhet is-sejbiet proviżorji tagħha lill-awtoritajiet Rumani għall-kummenti, fil-5 ta' Ġunju 2019 il-Kummissjoni rrapportat is-sejbiet tagħha lill-Kunsill. Dawk is-sejbiet ġew sussegwentement ippubblikati. Ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonstata li l-awtoritajiet Rumani ma għandhomx l-intenzjoni li jaġixxu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018. L-awtoritajiet ikkonfermaw lill-Kummissjoni li l-gvern ma għandu l-ebda intenzjoni li jikkonforma mal-aġġustament strutturali rakkomandat. Dawn jibqgħu jiffukaw fuq iż-żamma tad-defiċit nominali taħt it-3 % tal-limitu tat-Trattat tal-PDG, biex b'hekk jimmiraw li jevitaw il-fergħa korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-baġit tal-2019 jinkludi defiċit ibbażat fuq id-dovuti ta' 2,8 % tal-PDG. Skont l-istimi tal-gvern stess matul il-perjodu tal-missjoni, dik l-intestatura tkun tinvolvi aġġustament strutturali ta' madwar 0,1 % meta mqabbel mal-2018, li hi b'mod sinifikanti taħt ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (4) Fl-20 ta' April 2018, wara l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill, l-awtoritajiet Rumani ppreżentaw rapport dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018. Fir-rapport, l-awtoritajiet tennew li l-miri tagħhom għall-2019 huma defiċit nominali ta' 2,8 % tal-PDG u tnaqqis marġinali biss fid-defiċit strutturali. L-impatt fiskali tal-miżuri rrapportati huwa b'mod sinifikanti inqas mir-reqwiżit iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2018.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.⁽²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 216, 6.7.2017, p. 1).⁽³⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 3).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2020 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tistabilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttehdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 (ĠUL 323, 19.12.2018, p. 16).⁽⁵⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 1).

- (5) Fl-2019, abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tan-nefqa pubblika primarja netta huwa mistenni li jammonta għal 11,6 %, ferm oġġla mill-valur referenzjarju tan-nefqa ta' 4,5 %. Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jiddeterjora b'0,7 % tal-PDG fl-2019, u b'hekk jilħaq defiċit ta' 3,6 % tal-PDG. Dan hu l-oppost tat-titjib strutturali rakkomandat ta' 1 % tal-PDG meta mqabbel mal-2018. Għalhekk, iż-żewġ indikaturi jindikaw devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat. Il-valur referenzjarju tan-nefqa jindika devjazzjoni ta' 2,1 % tal-PDG. Il-bilanċ strutturali jikkonferma din l-interpretazzjoni, u jindika devjazzjoni kemxejn iżgħar ta' 1,7 % tal-PDG. Id-daqs tad-devjazzjoni indikata mill-bilanċ strutturali huwa iżgħar minħabba tnaqqis fid-dħul u deflatur oġġla tal-PDG. Meta jitqiesu dawk il-fatturi, il-valutazzjoni kumplessiva tikkonferma devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat.
- (6) Iż-żieda mbassra tad-defiċit meta mqabbla mal-2018 hija xprunata l-aktar, b'hal fis-snin ta' qabel, minn żieda fin-nefqa fuq il-kumpens tal-impjegati pubbliċi. Mill-previżjoni tal-ħarifa 2018 tal-Kummissjoni, li kienet il-bażi għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018, l-awtoritajiet ippromulgaw taxxi ġodda fuq is-setturi tat-telekomunikazzjoni, tal-enerġija u dak bankarju. Madankollu, l-awtoritajiet naqqsu t-taxxa fis-settur tal-konstruzzjoni u żiedu xi benefiċċji soċjali.
- (7) Dan iwassal għall-konklużjoni li r-reazzjoni tar-Rumanija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 ma kinitx suffiċjenti. L-isforz fiskali huwa b'mod sinifikanti inqas mill-aġġustament strutturali annwali ta' 1 % tal-PDG għall-2019, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma jaqbiżx l-4,5 % fl-2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
E.O. TEODOROVICI